# Kif tista' tgħin lill-parroċċa permezz tal-ġbir tal-metall tajjeb għar-riċiklaġġ

Ilkoll nafu kemm dan l-aħħar żdiedet il-mentalità tal-użu tad-disposables, jiġifieri ta' oġġetti jew materjali li tużahom darba u tarmihom: drawwa li żiedet b'mod esaġerat l-iskart u ż-żibel, b'tali mod li ħloqna problemi kbar mhux biss biex insibu spazji biżżejjed fejn nistgħu narmu, imma wkoll biex ma nżidux l-inkwinament u l-ħmieġ fl-ambjenti li fihom irridu ngħixu.

Għalhekk b'konsegwenza ta' dan, bdew isiru sforzi kbar biex tikber is-sensibilità u l-attenzjoni f'dan ir-rigward, u bdejna nitgħallmu kif ċertu materjal li qed narmu jista' jerġa' jservina jekk jinġabar b'mod intelliġenti u jinħadem mill-ġdid. Fil-fatt issa bdiet titħaddem iktar is-sistema tar-*Reduce*, *Reuse*, *Recycle Waste*, jiġifieri qed nippruvaw innaqqsu mir-rimi, nibqgħu nużaw l-oġġetti sakemm iservu, u meta jispiċċaw nirriċiklawhom billi nerġgħu nħaddmuhom b'mod differenti: drawwa għaqlija li żgur kellhom ħafna minna min-nies ta' qabilna. Illum saħansitra nħolqu kumpaniji kbar li jiġbru l-iskart mhux biex jintrema f'xi miżbla imma biex jiġi rriċiklat u jingħata ħajja ġdida.

Issa l-parroċċa tagħna minn żmien ilu, ippruvat tħaddem din is-sistema sew biex tgħin liċ-ċittadini jkunu attenti fir-rimi tal-iskart u sew sabiex permezz ta' din l-attività tiġġenera ftit tal-qligħ mill-bejgħ tal-metall, b'mod li jittaffew ċertu spejjeż fix-xogħol tal-parroċċa.

Għalhekk din id-darba qed nerġgħu ntennu s-sejħa tagħna sabiex tgħinu anki b'dan il-mod daqsxejn differenti mis-soltu. Mix-xahar id-dieħel il-metall ser jibda jinġabar f'post wieħed: quddiem il-bieb tal-garaxx ta' ħdejn il-Mużew Marittimu fi Triq il-Kappillan.

U din hi l-lista tal-iskart li jista' jinġabar:
(Prattikament dak kollu li fih il-metall)




- Copper (ram)
- Brass
- Electrical wires
- Aluminium
- Lead (ċomb)
- Stainless Steel
- Zinc (żingu)
- Batteries
- Electric motors
- Small electronics
- Air Condition units (ta' ġewwa u ta' barra)

Jinġabru wkoll borom, vitien, sinkijiet tal-metall, laned nodfa, containers tal-fojl, ċwievet qodma, pużati, fittings tal-metall, tubijiet tal-metall...)

**AVVIŻ:**
Nhar l-Erbgħa 18 ta' Settembru fil-Knisja Bażilika se ssir laqgħa **oħra ta' talb fuq l-ispiritwalità ta' Dun Mikiel Attard**. Il-laqgħa se titmexxa mill-Kan. D. Reuben Micallef u fiha Carmel Buttigieg (Victoria) ser ikellimna fuq l-esperjenza u l-konoxxenza tiegħu ta' Dun Mikiel. Tibda fis-6.15pm. Kulħadd huwa mistieden. Tkun imxandra wkoll diretta fuq *Mnarjalive*.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am